Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Diċembru, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2031/18, fl-ismijiet Carmel sive Lino Farrugia et vs Grech's Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Ġunju, 2018

Lil Grech's Limited (C 1863) ta' 147, Triq San Sebastjan, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti Carmel sive Lino Farrugia (KI 40256M), Alessandro sive Sandro Farrugia (KI 121657M), Joseph Farrugia (KI 51366M), Maria Gabriella sive Mariella Farrugia (KI 448758M) u Angela Incorvaja mart Mario (KI 197561M) ilkoll aħwa Farrugia ta' 33, Triq il-Kitba, Il-Fgura FGR 2110, jinterpellawk sabiex fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra tħallas is-somma ta' €966.84 rappreżentanti l-iskadenza ta' kera li kellha titħallas bil-quddiem għall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2016, sat-30 ta' Ġunju, 2017, minnek dovuta għall-fond li jġib in-numru 147, ġja 154, Triq San Sebastjan, Ħal Qormi, mikri lilek għal skopijiet kummerċjali skont żewġ kuntratti li jġibu d-dati tad-9 ta' Novembru, 1968, u t-28 ta' Awwissu, 1969, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt.

Jekk it-terminu prefiss hawn fuq imsemmi jgħaddi inutilment, jittieħdu proċeduri ulterjuri għall-iżgumbrament kontra tiegħek skont il-liġi.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut minnek mid-data tan-notifika ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a decree of the 11th December, 2018, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2031/2018 in the names Carmel sive Lino Farrugia et vs Grech's Limited, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th June, 2018

To Grech's Limited (C 1863) of 147, Triq San Sebastjan, Ħal Qormi

By the present, Carmel sive Lino Farrugia (ID 40256M), Alessandro sive Sandro Farrugia (ID 121657M), Joseph Farrugia (ID 51366M), Maria Gabriella sive Mariella Farrugia (ID 448758M) and Angela Incorvaja wife of Mario (ID 197561M) brothers and sisters Farrugia of 33, Triq il-Kitba, Fgura FGR 2110, solicits you so that within fifteen (15) days from the date of notification of this letter you pay the sum of €966.84 representing the installment of rent due by you that had to be paid in advance for the period from the 1st July, 2016, till the 30th June, 2017, of the premises bearing number 147, previously 154, Triq San Sebastjan, Ħal Qormi, leased to you for commercial purposes according to two deeds dated 9th November, 1968, and 28th August, 1969, both in the records of Notary Joseph Gatt.

If you fail to comply with the above within the time given to you, further procedures to evict you according to law will be initiated against you.

This judicial letter is being made in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta.

So much for your own guidance.

With costs and legal interest on the amount due from the date of notification of this letter till the date of effective payment.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

518

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Awwissu, 2018, Rikors Numru 1288/2018, minn Mary Grace Baldacchino, fejn Lawrence Degabriele, iben il-mejtin Francesco Saverio Degabriele u Rita née Mugliette, imwieled iż-Żejtun fil-15 ta' Diċembru, 1955, u residenti ż-Żejtun, ta' 63 sena, li għandu karta tal-identità bin-numru 0100056M, ġie inabilitat b'digriet tas-7 ta' Marzu, 2019, u bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th August, 2018, Application number 1288/2018 by Mary Grace Baldacchino, whereby Lawrence Degabriele, son of the late Francesco Saverio Degabriele and Rita née Mugliette, born in Żejtun on the 15th December, 1955 and residing in Żejtun, aged 63, holding identity card number 0100056M, was INCAPACITATED by means of a decree given on the 7th March, 2019, and under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

519

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-13 ta' Marzu, 2019, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Crimsonwing Limited vs Integrated Business System Limited, Rikors Numru 155/19 MH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Integrated Business System Limited (C 18440) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Crimsonwing Limited (C 42234) vs Integrated Business System Limited (C 18440) fit-18 ta' Frar, 2019, ir-rikorrenti Crimsonwing Limited (C 42234) esponiet bir-rispett:

1. Illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€27,913.38) dovuti:

a) In kwantu għas-somma ta' €7,398.00, id-differenza bejn l-ispejjeż li ġew żbankati mill-bank HSBC Malta plc sabiex setgħet issir iċ-ċedola ta' depożitu relattiva wara li l-istess bank ġie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru 1147/2017.

b) In kwantu għas-somma ta' €20,515.38, rappreżentanti d-danni sofferti mis-soċjetà esponenti wara li s-somma

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 13th March, 2019, in the records of the Sworn Application in the names Crimsonwing Limited vs Integrated Business System Limited, Application Number 155/19 MH, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company Integrated Business System Limited (C 18440) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court in the names Crimsonwing Limited (C 42234) vs Integrated Business System Limited (C 18440) on the 18th February, 2019, the applicant Crimsonwing Limited (C 42234) respectfully pleaded:

1. That the applicant company is a creditor of the defendant company in the amount of twenty-seven thousand, nine hundred thirteen euro and thirty-eight cents (€27,913.38) due:

a) As for the sum of €7,398.00, difference between the expenses which were disbursed by the bank HSBC Malta plc in order that the relative Schedule of Deposit could be made after the same bank was notified with the Garnishee Order 1147/2017.

b) As for the sum of €20,515.38, representing the damages suffered by the applicant company after the sum

indikata f'dan ir-rikors (par. b) ġiet konvertita fil-munita ewro sabiex tkun tista' ssir iċ-ċedola ta' depożitu wara l-Mandat ta' Sekwestru 1147/2017 u ammonti oħra li ġew minfuqa sabiex jiġu konvertiti kif jingħad fir-rikors (par. b).

Illi għar-raġunijiet premessi s-soċjetà rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12.

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tlettax-il ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€27,913.38) dovuti kif spjegat fir-rikors.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta rappreżentanti ta' liema huma inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Crimsonwing Limited vs Integrated Business System Limited, Rikors 155/19 MH, jinsab differit għas-smigħ għas-26 ta' April, 2019, fid-9.00 a.m.

Soċjetà Rikorrenti: Lignum House, Triq Aldo Moro, Il-Marsa

Soċjetà Intimata: Integrated Business Systems Limited (C 18440) 36, Triq ir-Russett, Il-Kappara, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

indicated in the application (par. b) was converted in euro currency in order that the Schedule of Deposit could be made following the Garnishee Order 1147/2017 and other amounts which were spent in order to convert the sums mentioned in the application (par. b).

That for the reasons premised the applicant company prays this Honourable Court, saving the necessary declarations:

1. To decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Articles 167 to 170 of Cap. 12.

2. Condemn the defendant company to pay the applicant company the amount of twenty-seven thousand, nine hundred thirteen euro and thirty-eight cents (€27,913.38) due as explained in the application.

With costs and legal interest till the day of effective payment against the defendant company whose representatives are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Applicaction in the names Crimsonwing Limited vs Integrated Business System Limited, Application Number 155/19 MH, was deferred for hearing to the 26th April, 019, at 9.00 a.m.

Applicant Company: Lignum House, Triq Aldo Moro, Marsa

Respondent Company: Integrated Business System Limited (C 18440) 36, Triq ir-Russett, Kappara, San Ġwann

Registry of the Superior Courts, today 5th April, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

520

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1829/2015, fl-ismijiet Direttur tas-Sigurtà Soċjali vs Louise Zammit Cordina, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
Illum 30 ta' Lulju, 2015

Lil Louise Zammit Cordina (KI 265971M) ta' Marcon Crt, Flat 9, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ta' 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 2000

It is hereby being notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree of the 18th February, 2018, in the records of the judicial letter number 1829/2015, in the names Director of Social Security vs Louise Zammit Cordina, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)
Today 30th July, 2015

To Louise Zammit Cordina (ID 265971M) of Marcon Crt, Flat 9, Triq it-Tamar, St Paul's Bay

By means of this present judicial letter the Director of Social Security of 38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 2000,

jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa min-notifika ta' dan l-att tħallas lill-mittenti s-somma ta' €697.04 li tħallsu lilek indebitament bħala għajnuna soċjali u għajnuna għat-tfal fil-perjodu bejn l-4 ta' Lulju, 2009, u l-1 ta' April, 2011, u dana stante li inti nqast milli tinforma lid-Dipartiment li matul l-istess perjodu ma kontx intitolata għal tali benefiċċji u dana kif kont obbligata li tagħmel skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jekk ma tħallasx dan l-ammont fiż-żmien stipulat se jittieħdu passi legali ulterjuri kontra tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

calls upon you so that within one week from the notification of this act you pay the interpellant the sum of €697.04 that were unduly paid to you as social assistance and children's benefits for the period from the 4th July, 2009, to the 1st April, 2011, and this because you failed to inform the Department that within this period you were not entitled to such benefit as you were obliged to do according to Cap. 318 of the Laws of Malta.

If you fail to pay this amount within the stipulated time, further legal procedures will be taken against you.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

521

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Frar, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Grand Hotel Excelsior Limited (C 12837) ta' 18/2, Triq in-Nofsinhar, Il-Belt Valletta, ippreżentaw talba fid-29 ta' Novembru, 2018, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Antonia sive Antonella Vassallo f'isimha proprju kif ukoll bħala Direttur tas-soċjetà kummerċjali Stand Out Events Limited (C 52937) sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €8,738 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż Nru 294/18SG) hija differita għad-29 ta' April, 2019, fid-9.30 a.m.

Notifika:

Antonia sive Antonella Vassallo, 88, Ir-Remissa, Triq De Rohan, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Stand Out Events Limited: BS Buildings, Floor 1, Triq il-Mosta, Ħal Lija

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 12th February, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Grand Hotel Excelsior Limited (C 12837) of 18/2, Triq in-Nofsinhar, Valletta filed a Claim on the 29th November, 2018, whereby they asked the Court to condemn Antonia sive Antonella Vassallo in her own name and as Director of the commercial company Stand Out Events Limited (C 52937), to pay the plaintiff company the sum of €8,738 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Notice Number 294/18SG) is deferred to the 29th April, 2019, at 9.30 a.m.

Notification:

Antonia sive Antonella Vassallo, 88, Ir-Remissa, Triq De Rohan, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Stand Out Events Limited, BS Buildings, Floor 1, Triq il-Mosta, Ħal Lija

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-21 ta' Marzu, 2019, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Muscat Jurgen et vs Fenech Philip, Rikors Numru 61/19 LSO, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Philip Fenech, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Jurgen Muscat (KI 493687M) u Mariel Muscat Cachia (KI 165887M) vs Philip Fenech (KI 843746M) fit-22 ta' Jannar, 2019, ir-rikorrenti Jurgen Muscat (KI 493687M) espona bil-qima:

1. Illi huwa proprjetarju tal-fond 141, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun, liema fond huwa akkwista permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 2014, fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech. Illi dan il-fond kien parti minn fond akbar li ġie maqsum fi tnejn oltre 30 sena ilu.

2. Illi l-fond adjaċenti ossija 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun huwa proprjetà tal-intimat.

3. Illi l-proprjetà tal-intimat tinkludi wkoll il-bejt u l-arja sovraposta għaż-żewġ fondi ossija 141 u 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun.

4. Illi l-esponenti kien igawdi aċċess liberu u konsegwentement pussess għall-bejt kollu sovrapost iż-żewġ fondi.

5. Illi l-intimat b'mod abbużiv u illegali għalaq din il-fetħa u ċaħħad lill-esponenti mill-pussess li huwa kien igawdi fuq il-bejt u ċaħħdu mill-proprjetà tiegħu ġaladarba l-bejt kollu huwa proprjetà tal-esponenti.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsjasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna, tiddeċiedi din il-kawża billi:

a) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat ikkommetta spoll riċenti u vjolenti u klandestin ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, meta għalaq il-fetha li tagħti aċċess lill-esponenti fuq il-bejt kollu, u ċaħħad lill-esponent mill-aċċess u pussess li kellu tal-bejt kollu sovrapoost il-fondi 141 u 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree given by the Civil Court First Hall, on the 21st March, 2019, in the records of the Sworn Application in the names Muscat Jurgen et vs Fenech Philip, Application Number 61/19 LSO, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Philip Fenech, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court in the names Jurgen Muscat (ID 493687M) and Mariel Muscat Cachia (ID 165887M) vs Philip Fenech (ID 843746M) on the 22nd January, 2019, the applicant Jurgen Muscat (ID 493687M) respectfully pleaded:

1. That he is the owner of the premises 141, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, which premises he acquired by means of a contract of the 15th October, 2014, in the records of Notary Ritienne Bugeja Fenech. That these premises were part of larger premises which were divided in two more than 30 years ago.

2. That the adjacent premises or rather 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, are the property of the respondent.

3. That the proprerty of the respondent includes the roof and overlying airspace of the two premises or rather 141 and 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun.

4. That the applicant enjoyed free access and consequently possession of all the roof overlying the two premises.

5. That the respondent in an abusive and illegal manner closed the opening and consequently deprived the applicant from the possession he enjoyed on the roof and deprived him of his property once all the roof is the applicant's property.

Thus the applicant is asking this Honourable Court, saving any declaration it deems fit and opportune, to decide this cause by:

a) Declaring and deciding that the respondent committed a recent, violent and clandestine spoliation, in terms of Article 535 of Cap. 16 of the Laws of Malta when he closed the opening which gives the applicant access to all the roof, and deprived the applicant from the access and possession he had to all the roof overlying the premises 141 and 143, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun, and uphold the other demands in the application.

Bl-ispejjeż kif mitluba f'dan ir-rikors kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Muscat Jurgen et vs Fenech Philip, Rikors Numru 61/19 LSO, jinsab differit għas-smigħ għat-23 ta' Mejju, 2019, fid-9.30 a.m.

Rikorrenti : 141, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Iż-Żejtun

Intimat: 566, Solemar, Triq il-Qaliet, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs as demanded in the application against the respondent from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names Muscat Jurgen et vs Fenech Philip, Application Number 61/19 LSO, has been deferred for hearing to the 23rd May, 2019, at 9.30 a.m.

Applicant: 141, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun

Respondent: 566, Solemar, Triq il-Qaliet, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 5th April, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

523

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-25 ta' Frar, 2019, Rikors Numru 343/2019, minn Maria Debono et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria, Joseph, Christine, Andrew, Agnes mart Raymond Abela, Paul, Maria Dolores sive Doris mart Samuel Mifsud, ilkoll aħwa Debono, ħut id-decujus fi kwota ta' ottava (1/8) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur Alexander u Margaret mart Andrew Williams aħwa Chetcuti, ulied il-mejta Victoria Chetcuti née Debono, tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' ottava (1/8) parti indiviża ugwalment bejniethom is-suċċessjoni ta' Vincent Debono, ġuvni, iben il-mejtin Emanuel Debono u Carmela née Bonnici, imwieled San Pawl il-Baħar, kien residenti San Pawl il-Baħar u miet Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta fis-7 ta' Lulju, 2018, ta' 64 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 805353M.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 25th February, 2019, Application number 343/2019 by Maria Debono et, whereby they prayed that it be declared open in favour of Maria, Joseph, Christine, Andrew, Agnes wife of Raymond Abela, Paul Debono and Maria Dolores sive Doris wife of Samuel Mifsud all brothers and sisters Debono and brothers and sisters of the decujus in the quota of one eighth (1/8) undivided share each one of them and in favour of Alexander and Margaret wife of Andrew William brother and sister Chetcuti children of the late Victoria Chetcuti née Debono the latter sister of the decujus in the quota of one eighth (1/8) undivided share between them the succession of Victor Debono, bachelor, son of the late Emanuel Debono and Carmela née Bonnici, born in St Paul's Bay, resided in St Paul's Bay and died in Tal-Qroqq, Msida, Malta on the 7th July, 2018, aged 64, who held identity card number 805353M.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

524

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-6 ta' Marzu, 2019, Rikors Numru 413/2019, minn Charles Sultana bħala mandatarju tal-assenti Geoffrey Martin Johnston, Sharon Ann Johnston and James Keith Johnston fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Goeffrey Martin Johnston, Sharon Ann Johnston ulied id-decujus u James Keith Johnston (iben il-mejjet James Richard Johnston dan tal-aħħar iben id-decujus ukoll) u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Ivy Alberta Johnston, armla minn James Johnston, bint Arthur William Ince u Catherine Ince, imwielda Belbroughton, Worcestershire, l-Ingilterra u mietet Stourbridge, l-Ingilterra fis-26 ta' Lulju, 2008, ta' 68 sena.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 6th March, 2019, Application number 413/2019, by Charles Sultana as mandatory of the absent Geoffrey Martin Johnston, Sharon Ann Johnston and James Keith Johnston whereby he prayed that it be declared open in favour of Goeffrey Martin Johnston, Sharon Ann Johnston, children of the decujus and James Keith Johnston (son of the late James Richard Johnston the latter is also son of the decujus) and this in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Ivy Alberta Johnston, widow of James Johnston, daughter of Arthur William Ince and Catherine Ince, born in Belbroughton, Worcestershire, England and died in Stourbridge, England on the 26th July, 2008, aged 68.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

525

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-30 ta' Jannar, 2019, Rikors Numru 176/2019, minn Joseph sive Joseph Mary Scerri, Raphael Scerri u Mario Scerri, fejn Nicolina Scerri, bint Giuseppi Cachia u Giovanna Cachia née Spiteri, imwielda s-Sigġiewi fit-3 ta' Frar, 1936, u residenti Ħal Safi, ta' 83 sena, li għandha karta tal-identità bin-numru 114536M, ġiet interdetta permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2019.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th January, 2019, Application number 176/2019, by Joseph sive Joseph Mary Scerri, Raphael Scerri and Mario Scerri, whereby Nicolina Scerri, daughter of Giuseppi Cachia and Giovanna Cachia née Spiteri, born in Sigġiewi on the 3rd February, 1936, and residing in Ħal Safi, aged 83, and holding identity card number 114536M, was interdicted by means of a decree given on the 19th February, 2019.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

526

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Marzu, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4508/18, fl-ismijiet Mary Cutajar vs Adrian Agius, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat Adrian Agius a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 19 ta' Diċembru, 2018

Lil

Adrian Agius (KI 0328078M) ta' 11, Massabielle, Triq il-Victoria Lines, Baħar iċ-Ċagħaq, In-Naxxar NXR 5243

Permezz tal-preżenti Mary Cutajar (KI 0349966M) ta' 96, San Martin, Blokk A, Flat 5, Triq San Martin, Iż-Żurrieq ZRQ 2073 tagħmel referenza għall-kuntratt ossija att pubbliku ppubblikat min-Nutar Dr Justin Fenech fis-17 ta' Jannar, 2014, u tinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tan-notifika ta' dan l-att, tħallas is-somma ta' €191,130.00 minnek pagabbli skont l-istess kuntratt, flimkien mal-imgħaxijiet dekors fuq tali somma mis-17 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-pagament effettiv.

Fl-istess waqt il-mittenti qiegħda għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi trendi l-istess att pubbliku esegwibbli u eżekuttiv skont il-liġi.

Din l-interpellanza qiegħda ssir a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 11th March, 2019, in the records of the judicial letter number 4508/18 in the names Mary Cutajar vs Adrian Agius, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Adrian Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 19th December, 2018

To

Adrian Agius (ID 0328078M) of 11, Massabielle, Triq il-Victoria Lines, Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar NXR 5243

By means of this present Mary Cutajar (ID 0349966M) of 96, San Martin, Block A, Flat 5, Triq San Martin, Żurrieq ZRQ 2073, makes reference to the contract or rather a public deed published by Notary Doctor Justin Fenech on the 17th January, 2014, and solicits you so that within one week from the date of notification of this act, you pay the sum of €191,130.00 due by you payable according to the same contract, together with the accrued interest on the said sum from the 17th January, 2014, till the date of effective payment.

At the same time the interpellant for all intents and purposes at law is rendering the same public deed executable and executive according to law.

This letter is being made in terms of the provisions of Article 253 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In default further procedures will be taken against you.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

527

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar, 2019, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 272/19, fl-ismijiet Malta Industrial Parks Limited vs Stainless Steel Products

By means of a decree of the 11th March, 2019, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 272/19, in the names Malta Industrial Parks Limited vs

Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' Jannar, 2019

Lil Stainless Steel Products Limited (C 2029) ta' Astracast, BLB038, Qasam Industrijali, Bulebel

Permezz tal-preżenti Malta Industrial Parks Limited (C 28965) ta' MIP, Triq it-Telgħa ta' Gwardamanġa, Tal-Pietà, filwaqt li tagħmel referenza għall-ftehim ta' kera tal-1 ta' Awwissu, 2017, li permezz tiegħu inti krejt il-fabbrika BLB038 fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, fiż-Żejtun, versu l-kera u soġġett għall-pattijiet u kundizzjonijiet hemm indikati, tinterpellak sabiex entro ħmistax-il (15) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċċjali (i) tħallas is-somma ta' €74,919.01 liema somma tkopri l-kera tal-imsemmija fabbrika għall-perjodu mill-1 ta' Frar, 2018, sal-31 ta' Marzu, 2019, liema kera hija ormai dovuta; (ii) tagħmel użu mill-imsemmija fabbrika għall-iskop li għalih inkriet; (iii) timpjega miegħek jew iżżomm fl-impjieg tiegħek l-għadd ta' impjegati miftiehem mal-Malta Enterprise; (iv) tottempera ruħek mal-liġi dwar Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol billi fil-fabbrika jidher li hemm materjali perikoluż li mhux jinżammu kif imiss; (v) iżżomm il-fabbrika assigurata fit-termini tal-klawsola ħamsa (5) tal-kuntratt.

Inti mwissi li f'każ ta' morożità jew inadempjenza mal-interpellazzjonijiet li qed isirulek, is-soċjetà mittenti ma jibqgħalha ebda għażla oħra għajr li tipproċedi għax-xoljiment tal-kuntratt u dan fit-termini ta' klawsoli 6.1, 6.3, 6.5, 6.6 u 6.8 tal-preċitat ftehim.

Dan iservi lilek ta' avviż u sabiex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Stainless Steel Products Limited, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th January, 2019

To Stainless Steel Products Limited (C 2029) of Astracast, BLB038, Industrial Estate, Bulebel

By the present Malta Industrial Parks Limited (C 28965) of MIP, Triq it-Telgħa ta' Gwardamanġa, Tal-Pietà, whilst making reference to the lease agreement of the 1st August, 2017, by means of which you leased the factory BLB038, in Bulebel Industrial Estate, Żejtun, at the rent and subject to the terms and conditions therein stated, solicits you so that within fifteen (15) days from the notification of this judicial letter (i) you pay the sum of €79,919.01 which sum covers the rent of the said factory for the period from the 1st February, 2018, till the 31st March, 2019, which rent is due; (ii) you make use of the said factory for the reasons it was rented; (iii) employ with you or keep in employment several employees as agreed with the Malta Enterprise; (iv) abide with the law regarding the Health and Safety at the Work Place because it seems that in the factory there is dangerous material that is not being stored as it should be; (v) keep the factory insured in terms of clause (5) of the agreement.

You are warned that if you fail to abide and remain in default of the solicitions that are being made, the interpellant company will have no other option but to proceed to terminate the agreement and this in terms of clauses 6.1, 6.3, 6.5, 6.6 and 6.8 of the said agreement.

This is to constitute a notice and for you to know how to proceed.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

528

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2018, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1018/17, fl-ismijiet Barclays Bank plc vs Joseph Mary Portelli et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta'

By means of a decree of the 29th November, 2018, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1018/17, in the names Barclays Bank plc vs Joseph Mary Portelli et, the following publication was ordered for the

notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 14 ta' Marzu, 2017

Lil Joseph Mary Portelli (KI 53686M) u martu Anna Portelli (KI 371660M) ta' Penthouse 13, Belvedere Court, Triq it-Trill, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar

u

Chrismarmig Company Limited (C 23992) ta' Chrismar, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti, Barclays Bank plc, bin-numru ta' reġistrazzjoni 1026167 u b'uffiċċju reġistrat 1, Churchill Place, Londra, ir-Renju Unit, rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (KI 441061M) filwaqt li jagħmel referenza għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion tad-19 ta' Ġunju, 2008, in forza tiegħu l-Bank mittenti avvanza s-somma ta' €765,000.00 lill-intimati Joseph Mary u Anna konjuġi Portelli, u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati, inkluż l-obbligu li dan is-self jitħallas lura lill-Bank mittenti sa mhux aktar tard mill-4 ta'April, 2013, liema dejn ġie garantit ukoll solidalment mill-kumpanija intimata Chrismarmig Company Limited, jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn min-notifika lilkom ta' dan l-att tħallsu lura s-somma indikata ta' €765,000.00 salvi imgħaxijiet kif pattwit sad-data tal-pagament effettiv.

Illi fin-nuqqas ta' pagament tas-somma hawn fuq indikata fiż-żmien indikat ser jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tagħkom skont il-liġi.

Għal kull buon fini jiġi dikjarat illi s-somma dovuta minnkom tikkostitwixxi dejn li huwa ċert, likwidu u dovut u din l-ittra uffiċjali qed issir sabiex tirrendi l-imsemmi kuntratt ta' self tad-19 ta' Ġunju, 2008, atti Nutar Malcolm Mangion esegwibbli bħala titlu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 5 ta' April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 14th March, 2017

To Joseph Mary Portelli (ID 53686M) and his wife Anna Portelli (ID 371660M) of Penthouse 13, Belvedere Court, Triq it-Trill, Qawra, St Paul's Bay

and

Chrismarmig Company Limited (C 23992) of Chrismar, Triq it-Turisti, St Paul's Bay

By the present Barclays Bank plc, with registration number 1026167 and with its registered office at 1, Churchill Place, London, United Kingdom, represented by its special mandatory Advocate Louis Cassar Pullicino (ID 441061M) whilst making reference to the contract in the acts of Notary Malcolm Mangion dated 19th June, 2008, by means of which the interpellant Bank gave the sum of €765,000.00 to the respondents Joseph Mary and Anna spouses Portelli and this under the agreement and conditions there mentioned, including the obligation that this loan must be paid to the interpellant Bank by not later than the 4th April, 2013, which debt was also guaranteed in solidum by the respondent company Chrismarmig Company Limited, solicits you so that within two days from the notification to you of this act you pay back the mentioned sum of €765,000.00 besides the interests as agreed till the date of effective payment.

In default of payment of the sum above mentioned within the time mentioned further procedures will be taken against you according to law.

For all intents and purposes, it is being declared that the sum due by you constitutes a debt which is certain, liquid and due and this judicial letter is being made to render the same constitution of debt of the 19th June, 2009, in the acts of Notary Malcolm Mangion executable as executive title in terms of article 253 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 5th April, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603